# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 7**

**Ċitazzjoni numru 1109/99 LSO**

**Silvio Buttigieg**

**v.**

**Image Systems Limited**

PRELIMINARI

1. Dawn huma żewġ appelli mis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2014 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili :

(i) wieħed huwa **APPELL PRINĊIPALI** ad istanza tas-soċjeta` konvenuta Image Systems Ltd li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

- <u>tikkonfermaha</u> fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tagħha, ġew milqugħa l-ewwel zewg talbiet attrici u gew michuda r-raba' u l-ħames talbiet attriċi, u fejn hija (is-soċjeta` konvenuta) ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż relatati mal-ewwel eċċezzjoni tagħha u mal-ewwel żewġ talbiet attriċi; u

- <u>tħassarha</u> fil-kumplament tagħha, u minflok tiċħad it-tielet talba attriċi, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħha u tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-ewwel istanza relattivament għat-tieni eċċezzjoni tagħha u għat-tielet, għar-raba' u għall-ħames talbiet dedotti minnu.

Bl-ispejjeż tal-appell kontra l-attur appellat.

(ii) u l-ieħor huwa **<u>APPELL INĊIDENTALI</u>** ad istanza tal-attur appellat Silvio Buttigieg, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata in kwantu ġew miċħuda r-raba' u l-ħames talbiet tiegħu, u minflok tilqa' l-istess talbiet.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta appellanti.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Mejju 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

"Illi l-attur inkariga lis-socjeta' konvenuta biex tirripara *shredder machine model number IDEAL 4105 serial number 1653100* proprjeta' tieghu.

"Illi biex tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha, impjegati tas-socjeta' konvenuta, qalghu u hadu l-makkinarju principali tal-magna.

"Illi *inoltre* l-attur xtara separatament u kkonsenja lis-socjeta' konvenuta, l-i*spare parts* mehtiega biex tezegwixxi r-riparazzjoni.

"Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma ezegwitx ix-xoghol, u minflok abbuzivament u minghajr jedd legali irrifjutat u ghadha qed tirrifjuta, li tirritorna l-makkinarju u l-partijiet tal-magna konsenjati lilha.

"Illi mhabba f'hekk l-attur bata u ghadu qed ibati danni, konsistenti f'telf ta' qligh fl-uzu ta' l-istess *shredder*.

"Illi s-socjeta' konvenuta interpellata diversi drabi anke ufficjalment, biex tirritorna l-imsemmija *parts* baqghet tirrifjuta minghajr raguni valida fil-ligi.

"Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1 Tiddikjara illi l-istess socjeta' konvenuta zammet il-makkinarju u partijiet mix-*shredder machine model number IDEAL 4105 serial number 1653100*, proprjeta' ta' l-attur, abbuzivament u minghajr jedd legali.

"2 Tordnalha biex tirritorna l-makkinarju u partijiet imsemmija lill-attur.

"3 Tiddikjara lill-istess socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni kagonati lill-attur b'konsegwenza ta' l-agir abbuziv u illegali taghha.

"4 Tillikwida l-istess danni hekk kagonati lill-attur konsistenti f'telf ta' qliegh bl-uzu tal-istess magna u danni ohra.

"5 Tikkundannaha thallas lill-attur is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta *in linea* ta' danni.

"Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-11 ta' Mejju 1998, u tas-7 ta' Frar 1999 u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru 1998, kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa', ingunta ghas-subizzjoni.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 1999.

“Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 22 ta’ Dicembru 1999 a fol 17 tal-process li permezz taghha u ghal kull *buon fini* gabet a konjizzjoni tal-attur illi kemm il-mudell kif ukoll is-*serial number* imsemmija fil-premessi tac-citazzjoni u fl-ewwel talba huma hziena. Fil-fatt huma segwenti : *Model Ideal 4105 CC; Serial Number 16531003511996*.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 2 ta’ Gunju 2000 (fol 64) fejn esponiet : -

“1 Illi x-*shredder machine de quo* ma tappartjenix lill-attur.

“2 Illi s-socjeta` konvenuta mhijiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur.

“3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Image Systems Limited datata 26 ta’ Jannar 2005 a fol 134 tal-process.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur datata 16 ta’ Frar 2005 a fol 151 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ April 2005 (fol 159) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx sottomissjonijiet xi jzidu rigward il-kaz u talbu li l-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2005; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2012 fejn b’ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2013.

“Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2013 b’ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-27 ta’ Marzu 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## “**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Din il-kawza flimkien ma numru ta' kawzi ohra giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta b'digriet ta' surroga tas-16 ta' Jannar 2013.

"Permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob li jiehu lura l-magna in kwistjoni, flimkien mal-*parts* ikkonsenjati, minghand is-socjeta' konvenuta li ghandha wkoll twiegeb ghad-danni li sofra minhabba li nzamm milli jkompli jopera l-istess magna.

"Is-socjeta' konvenuta opponiet ghat-talbiet billi sostniet li l-magna ma kinetx tappartjeni lill-attur u, *inoltre*, li m'ghandhiex titqies responsabbli ghad-danni.

"Ghall-habta tas-sena 1996, l-attur xtara l-magna deskritta fic-citazzjoni minghand certu Carmel Gauci. Kien hemm okkazzjonijiet fejn din kellha bzonn riparazzjonijiet, fi Frar 1998, zviluppaw hsarat li, biex jissewwew, kellhom jingiebu *parts* minn barra. Meta gew, dawn gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta biex taghmel ir-riparazzjonijiet fuq il-magna. Madanakollu dawn inzammu mis-socjeta` konvenuta li gharrfitu li l-magna ma kenitx imhallsa.

"**Apprezzament tal Provi Prodotti**

"Jirrizulta ppruvat li s-socjeta' konvenuta kienet accettat li taghmel it-tiswijiet fuq il-magna in kwistjoni meta l-attur ikkonsenjalhom il-*parts* li kien gab hu stess minn barra. Ghalhekk din il-magna giet ikkonsenjata lis-socjeta', u accettata minnha abbazi ta' ftehim ghat-tiswijiet u xejn izjed.

"Il-kwistjonijiet li tqajmu f'din il-kawza jikkoncernaw it-titlu tal-magna, il-prova tal-ftehim ta' *hire purchase* da parti tas-socjeta' konvenuta u l-*bona fide o meno* tal-attur.

"Skont is-socjeta' konvenuta, il-magna inxtrat minghandha in forza ta' ftehim ta' *Hire Purchase*[1] minn Carmel Gauci u li Gauci ma kienx hallas il-prezz kollu dovut. Skont il-kondizzjonijiet imfissra f'dan id-dokument esebit, sakemm il-prezz jithallas kollu l-oggett mibjugh jibqa' ta' proprjeta' tas-socjeta' konvenuta.

"Madanakollu mill-provi jirrizulta li fis-sena 1996 l-attur hallas almenu ammont komplessiv ta' Lm3,800 lil Carmel Gauci[2] f'zewg cekkijiet li gew debitament imsarrfa minn Gauci. Qal ukoll li hallas prezz komplessiv ta' Lm5,000 izda peress li hallas il-bilanc fi flus kontanti, ma kellux x'juri ta' dan il-hlas. **Carmel Gauci** xehed ukoll f'dawn il-proceduri, u ghalkemm ix-xhieda tieghu tidher manifestament xejn kredibbli, minhabba l-amnesija li qabbditu fuq certu punti u inkonsistenza fuq ohrajn, qal ukoll li kien xtara l-magna imsemmija u zammha f'*garage* proprjeta' tal-attur. Jirrizulta li effettivament abbanduna din il-magna ghal habta tas-sena 1996 (tmien snin qabel ma deher biex jixhed fis-sena 2004), liema sena tikkombacja mal-perjodu tal-pagamenti imsemmija. Ma seta' jiftakar xejn dwar cekkijiet

[1] **DOK B** a fol. 80
[2] **DOK SB1** a fol 107

li thallsu lilu izda l-attur irnexxielu jipprova dan il-hlas billi ipproduca kopji tac-cekkijiet relattivi f'ammont komplessiv ta' Lm3,800.

“**Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li hallas lil Carmel Gauci tal-magna imsemmija almenu sal-prezz ta' Lm3,800 kif jidher mill-kopji tac-cekkijiet esebiti li huma prova tal-hlas.**

“Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-attur, kif ikkonfermata mix-xhieda ta' **Alex Gollcher**[3], *Financial Director* tas-socjeta` konvenuta li din is-socjeta` ma tat l-ebda informazzjoni lill-attur dwar il-ftehim bejnha u Gauci u kien wara li l-magna giet ikkonsenjata ghar-riparazzjonijiet li infurmawh li ghad kien baqa' hlas fuqha.

“Da parti tieghu l-attur esebixxa diversi dokumenti li juru li kien hemm okkazzjonijiet ohra antecedenti fejn il-magna giet *serviced* mit-*technicians* tal-kumpanija minghajr l-ebda problema u li thallset minnu ghal dan is-servizz.

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“**Titlu fuq il-Magna - Pussess in *bona fide* - Ftehim ta' *Hire Purchase***

“Is-socjeta' konvenuta eccepiet li l-magna ma tappartjenix lill-attur u ticcita l-*Hire Purchase Agreement* in sostenn tat-tezi taghha. Bhala punt ta' fatt izda, jirrizulta li almenu mis-sena 1997, din is-socjeta' baqghet taghmel tiswijiet fuq din il-magna fuq inkarigu tal-attur u mhux ta' Gauci, u difatti l-inkartament relattiv hareg f'isem l-attur.

*“Inoltre* kif issottometta d-difensur tal-attur, il-ftehim esebit a fol. 80 mhux attendibbli. Il-Qorti tikkonstata li dan id-dokument mhuwiex iffirmat mix-xerrej kif ukoll ma tidentifikax l-oggett mibjugh. Effettivament dan id-dokument m’hu xejn hlief formola generika (speci ta' *template)* u certament ma tistax titqies bhala l-ahjar prova ta' ftehim. Is-socjeta' konvenuta ma ggustifikatx din il-karenza u l-Qorti ghalhekk mhix ser tikkonsidra dan id-dokument bhala prova tal-ftehim ma' Carmel Gauci rigward il-magna in kwistjoni.

“Fid-dawl ta' dan premess is-socjeta` konvenuta ma rinexxilhiex tipprova t-titlu taghha ghall-magna in kwistjoni u ma tistax, ghalhekk, tinvoka n-nullita' tal-bejgh bejn Gauci u l-attur abbazi tal-principju ta' *nemo dat quod non habet.*

“Ikkonsidrat li l-attur irnexxielu jipprova li kien qed jippossjedi in *bona fide* u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-principju" *possession vaut titre",* ghandu jitqies li hu s-sid tal-magna.

[3] Affidavit esebit a fol. 73 *et.seq.* tal-process

“Difatti l-attur xehed li Gauci assigurah li l-magna kienet imhallsa. Dan ma giex kontradett mis-socjeta' konvenuta. Anzi **Alex Gollcher**[4] xehed li "*Ahna avzajnih ...li Charlot Gauci kien il-proprjetarju tal-magna u fil-kaz li kellu bzonn aktar dettalji kellu jaghmel kuntatt mieghu direttament."* Hu kkonferma li ma tawh l-ebda dettalji dwar il-ftehim li kellhom ma' Gauci. Kien biss sussegwentement, meta l-attur beda jinsisti li jsewwi l-magna li kkomunikaw ma' Gauci u dan cahad li kien biegh il-magna (cahda li nbidlet f'telf ta' memorja meta xehed quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn anke nesa li rcieva cekkijiet minghand l-attur). Il-fatt li l-attur hallas il-prezz tal-magna lill-venditur, kif ukoll ghamel accertamenti mas-socjeta` konvenuta, juru li kien qed jagixxi *in buona fede* u jista' jinvoka favur tieghu l-applikazzjoni tal-massima legali "p*ossession vaut titre"* sancit fl-artikolu **558 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad ukoll li kien jispetta lis-socjeta' konvenuta li tipprova l-*malafede* tal-attur, liema prova ma tressqitx (Ara **Art.532 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta).

“**Responsabbilta` ghad-Danni**

“Ikkonsidrat li l-attur qed jitlob ir-risarciment tad-danni ikkagunati lilu minhabba li s-socjeta' konvenuta impedietu milli jkompli juza l-magna. Dan ghamlitu billi zammet il- *parts* il-qodma kif ukoll dawk godda u ma sewwietx il-magna kif kienet accettat li taghmel.

“Is-socjeta` konvenuta tghid li agixxiet kif kellha kull dritt li taghmel skont il-ftehim li kellha ma' Carmel Gauci. (ara para 14 u 15 tan-nota ta' sottomissjonijiet konvenuta).

“Ikkonsidrat li anke f'kaz li s-socjeta' konvenuta irnexxielha tipprova li r-relazzjoni guridika taghha ma' Gauci kienet regolata b'*hire purchase agreement,* prova li ma saritx skont il-Ligi, b'dan ma jfissirx li setghet tiehu l-ligi f'idejha u zzomm magna ikkonsenjata mill-attur ghat-tiswijiet. Semmai kellha tirrivendika l-magna u fin-nuqqas ta din l-azzjoni, l-agir taghha jikkostitwixxi *ragion fattasi* u jitqies illegali.Ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha twiegeb tal-konsegwenzi li garrbet.

“Inoltre l-istess socjeta' konvenuta ma adempietx l-obbligazzjonijiet kontrattwali li kellha biex issewwi l-magna skont l-istruzzjonijiet li rceviet mill-attur. Ma jirrizultax ikkontestat mis-socjeta' konvenuta li accettat dan l-appalt. In-nuqqas taghha jrendiha responsabbli ghad-danni lejn l-attur.

“**Likwidazzjoni tad-Danni**

“L-attur qed jitlob[5] bhala risarciment fl-ammont ta' Lm43,680 bhala telf ta' qliegh ikkalkolat bir-rata ta' Lm120 fil-gimgha qliegh nett skont kif jirrizulta wkoll mix-xhieda tieghu.

[4] Xhieda **Alex Gollcher** fol. 73
[5] Nota tal-attur a fol.158

“Ikkonsidrat li l-magna inxtrat *second hand* bil-prezz ippruvat ta' Lm3,800 u li din il-magna kienet tintuza ghall-skop kummercjali kif kien maghruf ukoll mis-socjeta` konvenuta. Madanakollu jirrizulta wkoll li l-magna kien ikollha bzonn *servicing* u tiswijiet ta' spiss u l-hajja taghha kien jiddependi fuq it-tip ta' uzu li kien qed isir minnha.

“Ikkonsidrat li bhala prova, il-Qorti m'ghandha xejn hlief il-kelma tal-attur li kien jaqla' Lm120 fil-gimgha bhala qliegh nett mill-bejgh tal-karti imqattghin. L-attur, li ammetta li ma ddikjarax tali qliegh *ai fini* ta' taxxa u VAT, ma ipproduca l-ebda dokumenti, *books of trade*, *accounts,* jew prova dwar ix-xiri ta' karti minghand id-ditta *Miller* jew fornituri orha li forsi kienu jaghtu hjiel tal-volum tal-attivita' tieghu, spejjez relattivi u prova dwar l-aspetti finanzjarji tal-attivita' kummercjali tieghu.

“Jidher car li din l-attivita' kienet qed tigi zvolta illegalment minghajr ma tigi dikjarata *ai fini* ta' taxxa u VAT. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti, ma tistax takkolji t-talba tieghu ghar-risarciment tad-danni rigward telf ta' qliegh mhux iddikjarat, bi frodi lejn l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiz, u ser tichad din it-talba.

“Ikkonsidrat ukoll li jirrizulta pacifiku li l-*parts* ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta kienu jappartjenu lill-attur in kwantu li xtrahom u gabhom f'Malta a spejjez tieghu u l-istess socjeta' konvenuta tirrikonoxxi "*l-uniku jedd li jista' jkollu l-attur huwa li jigu ritornati lilu l-parts li kien xtara hu."* (Nota ta' sottomissjonijiet para 14 a fol. 139).

“**III. KONKLUZJONI.**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, tiddisponi mit-talbiet attrici limitatament skond is-segwenti:

“1 **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-istess socjeta' konvenuta zammet il-makkinarju u partijiet mix-*shredder machine model number IDEAL 4105 serial number 1653100*, proprjeta' ta' l-attur, abbuzivament u minghajr jedd legali.

“2 **Tilqa'** it-tieni talba attrici u tordna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex tirritorna l-makkinarju u partijiet imsemmija lill-attur u dan fi zmien perentorjament stabbilit ta' xahar millum.

“3 **Tilqa'** it-tielet talba attrici u tiddikjara lill-istess socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni kagonati lill-attur b'konsegwenza ta' l-agir abbuziv u illegali taghha.

“4 **Tichad** ir-raba' talba in kwantu li d-danni li l-attur qed jitlob li jigu likwidati jirrapresentaw qliegh mhux pruvat kif ukoll mhux dikjarat ghall-finijiet tat-taxxa.

“5 **Tichad** il-hames talba attrici ghall-istess raguni imsemmija fil-paragrafu precedenti.

“**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**”

<u>RIKORS TAL-APPELL tas-soċjeta` konvenuta Image Systems Ltd. (15.04.2014):</u>

3. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji tagħha huma s-segwenti:

(i) **<u>Ladarba l-ewwel Qorti sabet li kellha tiċħad ir-raba’ (4) u l-ħames (5) talbiet tal-attur, ma kellhiex tilqa’ t-tielet (3) talba tiegħu:</u>**

Is-soċjeta` konvenuta appellanti targumenta illi r-raba’ u l-ħames talbiet huma kumplimentari għat-tielet talba fis-sens li l-iskop tar-raba’ talba hu li jiġu likwidati d-danni li għalihom hija tkun ġiet misjuba responsabbli abbażi tat-tielet talba, u l-iskop tal-ħames talba hu li tiġi kkundannata tħallas id-danni hekk likwidati. Għalhekk issostni li ladarba l-ewwel Qorti rriżultalha li l-attur ma ġabx prova sodisfaċenti dwar id-danni allegati minnu, u li allura ma kienx hemm danni x’jiġu likwidati, ma kellhiex tiddikjaraha responsabbli għal danni li ma jeżistux u għalhekk it-tielet talba kellha tiġi miċħuda u mhux milqugħa.

(ii) **<u>Ladarba r-raba' (4) u l-ħames (5) talbiet tal-attur ġew miċħuda l-ewwel Qorti messha akkollat l-ispejjeż relattivi għalihom lill-attur:</u>**

Is-soċjeta` konvenuta appellanti tagħmel riferenza għall-Artikolu 223(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi li t-tellief għandu jbati l-ispejjeż. Targumenta li l-applikazzjoni ta' din ir-regola għall-każ odjern kellha twassal għall-konsiderazzjoni li l-attur kien tellief fir-rigward tar-raba' u l-ħames talbiet tiegħu u li konsegwentement kellu jbati l-ispejjeż relattivi.

<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-attur Silvio Buttigieg (06.05.2014):</u>

4. L-attur Silvio Buttigieg wieġeb biex jgħid għaliex l-appell tas-soċjeta` konvenuta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud.

(i) **<u>Dwar l-ewwel aggravju</u>** (ir-responsabbilta` għad-danni) **:**

L-attur ifakkar li dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba tiegħu (biex jiġi dikjarat li l-makkinarju in kwistjoni huwa proprjeta` tiegħu u li nżamm mis-soċjeta` konvenuta abbużivament u mingħajr jedd legali) illum tikkostitwixxi ġudikat.

Ifakkar ukoll li t-tielet talba tiegħu (biex is-soċjeta` konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għad-danni kaġunati lilu b'konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali tagħha) hija konsegwenzjali għall-ewwel talba.

Jenfasizza li r-<u>responsabbilta` ċivili</u> (kemm delittwali kif ukoll kuntrattwali) tinsorġi meta b'riżultat tal-ħtija jew tal-inadempjenza kuntrattwali, is-suġġett passiv ikun ġarrab telf; u <u>jenfasizza wkoll li l-ewwel Qorti qatt ma qalet li huwa ma ġarrabx telf bħala konsegwenza tan-nuqqas tas-soċjeta` konvenuta</u>.

Jippreċiża li l-ewwel Qorti qalet biss li ma setgħetx takkolji t-talba tiegħu għar-risarċiment tad-danni fir-rigward ta' telf ta' qligħ mhux iddikjarat. Isostni li ladarba jirriżultaw l-estremi tar-responsabbilta` ċivili fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta dan l-ewwel aggravju huwa infondat.

(ii) **<u>Dwar it-tieni aggravju</u>** (l-ispejjeż) **:**

L-attur isostni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta akkollat l-ispejjeż kollha lis-soċjeta` konvenuta. Jargumenta li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ma tillikwidax danni (mertu issa tal-appell inċidentali) tmur lil hinn mill-mertu tal-vertenza, u bl-ebda mod ma tnaqqas mill-ħtijiet tas-soċjeta` konvenuta għall-akkadut, u mill-fatt li hija s-soċjeta` konvenuta waħedha li hija l-parti telliefa fil-kawża.

L-APPELL INĊIDENTALI tal-attur Silvio Buttigieg (06.05.2014):

5. L-attur ipprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta u da parti tiegħu interpona appell inċidentali mis-sentenza appellata. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

**(i) L-ewwel Qorti kellha tiddikjara li huwa irnexxielu jipprova li huwa ħallas lil Carmel Gauci l-prezz sħiħ ta' Lm5,000**

L-attur isostni li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li huwa irnexxielu jipprova li ħallas lil Carmel Gauci almenu sa Lm3,800 u ħalliet dubju dwar jekk ħallasx il-bqija tal-prezz tal-magna. Jaċċenna għax-xiehda tiegħu fejn dejjem insista li xtraha għall-prezz ta' Lm5,000 mingħand Gauci (fejn ħallas Lm3,800 b'ċekkijiet u l-bqija fi flus kontanti) u għan-nuqqas ta' kredibilita` tax-xiehda ta' Carmel Gauci.

**(ii) L-ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li d-danni li ġarrab kienu jikkonsistu biss f'telf ta' qligħ mhux dikjarat:**

Filwaqt li l-attur japprezza r-raġjonament tal-ewwel Qorti li ma takkordalux qligħ mhux dikjarat, jilmenta li din mhix raġuni għaliex kellha teħles lis-soċjeta` konvenuta milli tagħmel tajjeb għat-telf li kkaġuna li

dwaru ma hemm l-ebda evażjoni fiskali. Jargumenta li l-qligħ li ma setax isir bi ħtija tas-soċjeta` konvenuta ma jistax jingħad li ma ġiex dikjarat, għaliex ma laħaqx ġie realizzat. F'dan ir-rigward għalhekk isostni li din il-Qorti għandha takkordalu danni għat-telf ta' qligħ ikkaġunati mis-soċjeta` konvenuta anke jekk għal terminu determinat u f'ammont li jiġi likwidat *arbitrio boni viri.*

Isostni li din il-Qorti għandha **wkoll** tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tirrifondilu l-prezz sħiħ ta' Lm5,000 li huwa ħallas għall-magna u dan biex jagħmel tajjeb għat-telf tal-valur u l-utilita` tal-magna tul dawn is-snin kollha li matulhom, illegalment u abbużivament, baqgħet iżżomm fil-kontroll tagħha dawn l-attrezzi proprjeta` tiegħu.

RISPOSTA TAL-APPELL tas-soċjeta` konvenuta appellanti għall-appell inċidentali tal-attur (02.06.2014):

6. Is-soċjeta` konvenuta appellanti wieġbet biex tgħid għaliex l-appell tal-attur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud.

(i) **L-inammissibilita` tal-ewwel aggravju** (dwar il-prova tal-ħlas tal-prezz) :

Is-soċjeta` konvenuta issostni li dan l-aggravju huwa inammissibbli.

Targumenta li mhux permess li parti tappella mill-*considerandi* tas-sentenza, *multo magis* meta fil-parti dispożittiva tas-sentenza riferibbli għal dawk il-konsiderazzjonijiet tkun ħarġet rebbieħa. Tenfasizza li l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel tliet talbiet tal-attur, u li permezz tal-appell inċidentali l-attur qed jitlob ir-revoka taċ-ċaħda tar-raba' u l-ħames talbiet u li għalhekk dan l-aggravju ma jservi l-ebda utilita` fir-rigward.

Mingħajr preġudizzju għall-premess issostni li l-fatt dwar jekk l-attur ħallasx il-prezz kollu tal-magna lil Gauci huwa irrilevanti għall-mertu tal-kawża.

Ukoll bla preġudizzju għall-premess, issostni li kienet korretta l-ewwel Qorti meta qieset li l-attur irnexxielu jipprova li ħallas lil Gauci l-ammont ta' Lm3,800 (li saru permezz ta' ċekkijiet) iżda mhux ukoll l-Lm1,200.

**(ii)** **<u>Dwar it-tieni aggravju</u>** (id-danni):

Is-soċjeta` konvenuta tfakkar li l-attur stess xehed li min-negozju li kellu tat-tqattigħ u bejgħ tal-karti ma kienx joħroġ riċevuti fiskali u ma kienx jiddikjarahom għat-taxxa. Tenfasizza li kien proprju għalhekk li l-ewwel Qorti qieset li l-frott tal-operazzjoni kummerċjali tiegħu, kemm dak il-qligħ li kien diġa sar, <u>kif ukoll dak il-qligħ li kien ser isir fil-futur</u>, kien se jkun imniġġes b'evażjoni fiskali, u kien għalhekk li ma setax jiġi

akkordat.

Dwar l-argument tal-attur li din il-Qorti għandha tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallsu s-somma kollha ta' Lm5000, rappreżentanti s-somma kollha li huwa ħallas biex jixtri l-magna, biex jagħmel tajjeb għat-telf ta' valur u tal-utilita` tal-magna tul is-snin kollha li matulhom is-soċjeta` konvenuta baqgħet, allegatament u abbużivament, iżżommha fil-kontroll tagħha, is-soċjeta` konvenuta targumenta li l-attur mhux biss qatt ma ppretenda kumpens għad-deprezzament, iżda adirittura lanqas qatt ma ressaq l-ebda prova fir-rigward.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

**It-tieni aggravju tal-appell inċidentali:** (il-likwidazzjoni tad-danni)

7. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa opportun li tibda' billi tikkonsidra t-tieni aggravju tal-appell inċidentali tal-attur, cioe` fejn jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti ma llikwidat l-ebda danni favur tiegħu.

8. Din il-Qorti tosserva li fil-**premessi taċ-ċitazzjoni** l-attur jilmenta li minħabba l-fatt li s-soċjeta` konvenuta baqgħet ma esegwietx ix-xogħol ta' riparazzjoni fuq ix-*shredder* in kwistjoni u minflok baqgħet iżżomm l-istess *shredder* u anke l-parts li huwa kien ikkonsenjalha sabiex hija

tagħmel ir-riparazzjonijiet, huwa sofra u għadu qed isofri danni "*konsistenti f'telf ta' qliegħ fl-użu tal-istess shredder".*

9. Fir-**raba' talba** pero`, talab li jiġu likwidati danni *"konsistenti f'telf ta' qligħ bl-użu tal-istess magna, u danni oħra."* Għaldaqstant permezz ta' din il-kawża, id-danni mitluba minnu jidhru li m'humiex limitati biss għat-"telf ta' qligħ".

10. Fin-**nota ta' osservazzjonijiet** tiegħu li huwa ppreżenta fis-16 ta' Frar 2005 huwa jidentifika żewġ tipi ta' danni (enfasi ta' din il-Qorti):

> "*Għalhekk b'riżultat dirett tal-azzjoni abbużiva tas-soċjeta` konvenuta l-esponent mhux biss tilef l-użu tal-kapital ta' Lm5,000 li nefaq fix-xiri tal-magna, li baqgħet inutilizzabbli, iżda ġarrab ukoll telf ta' qligħ ġenerat mil-operat tal-magna……Sa llum bl-istess rata*[6]*, l-esponent tilef b'kollox madwar Lm43,680 fi qligħ, oltre l-valur inutilizzat tal-magna nnifisha."*

11. Fl-**appell inċidentali** tiegħu jerġa' jidentifika żewġ tipi ta' danni: cioe` d-danni konsistenti f'telf ta' qligħ, u d-danni konsistenti fit-"*telf tal-valur u l-utilita` tal-magna*." Jidher li dawn it-tieni tip ta' danni huma dawk li fin-nota tas-sottomissjonijiet jirreferi għalihom bħala l-valur inutilizzat tal-magna, cioe` l-valur inutilizzat tal-kapital li ħareġ għaliha, u mhux, kif fehmet is-soċjeta` konvenuta, kumpens għal deprezzament. Fil-fatt l-attur jirreferi għat-"telf" tal-valur u mhux għal "tnaqqis" tal-valur[7].

[6] qed jirreferi għar-rata ta' Lm120 fil-ġimgħa.
[7] Tajjeb jingħad illi anke kieku fil-fatt kellu jitqies li qed jirreferi għal-tnaqqis fil-valur tal-magna (cioe` deprezzament), kellha raġun is-soċjeta`konvenuta targumenta illi dan qatt ma tqajjem fl-istadju tal-prim istanza, u wisq anqas tressqu xi provi fir-rigward.

12. Iċċarat dan kollu din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra dan it-tieni aggravju tal-attur.

13. Fl-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-attur, l-attur jilmenta li għalkemm jifhem li l-ewwel Qorti ma setgħetx takkordalu qligħ mhux dikjarat, il-qligħ li ma setax isir bi ħtija tas-soċjeta` konvenuta (għaliex żammet il-magna u l-*parts* għandha) ma jistax jitqies li ma ġiex dikjarat mal-Fisku, u dan proprju għaliex effettivament kien għadu ma ġiex realizzat. F'dan ir-rigward għalhekk jitlob lil din il-Qorti biex takkordalu danni għat-telf ta' qligħ li ġarrab "*anke jekk għal terminu determinat u f'ammont li jiġi likwidat arbitrio boni viri*".

14. Filwaqt li huwa minnu li l-qligħ li ma setax isir ma setax jiġi dikjarat għall-finijiet ta' taxxa, jibqa' l-fatt li biex ġudikant jillikwida telf ta' qligħ li ma setax jiġi realizzat dan irid jagħmlu abbażi ta' qligħ li ġie realizzat fil-passat. Issa l-attur stess stqarr li huwa qatt ma ddikjara d-dħul tiegħu għat-taxxa, u għalhekk l-ewwel Qorti għarrfet li n-negozju tiegħu kien qed jiġi żvolt illegalment. Ladarba l-qligħ passat tieħu kien imniġġes bl-illegalita`, ma setgħetx l-ewwel Qorti tillikwida l-qligħ li ma setax jiġi realizzat abbażi ta' tali qligħ passat imniġġes. Inoltre tajjeb jiġi ppreċiżat li l-ewwel Qorti ma llikwidat l-ebda danni mhux biss għal din ir-raġuni, iżda wkoll għaliex qieset li l-attur ma ġab l-ebda prova (ħlief il-kelma

tiegħu stess li ma ġiet korroborata bl-ebda dokument) li kien jagħmel qligħ nett ta' Lm120 fil-ġimgħa u qieset ukoll li l-magna kien spiss ikollha bżonn tiswijiet u servicing. Fil-fatt l-ewwel Qorti irriteniet hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> "*Ikkonsidrat li l-magna inxtrat second hand bil-prezz ippruvat ta' Lm3800 u li din il-magna kienet tintuża għal skop kummerċjali kif kien magħruf ukoll mis-soċjeta` konvenuta. Madanakollu jirriżulta wkoll li l-magna kien ikollha bżonn servicing u tiswijiet ta' spiss u l-ħajja tagħha kien jiddependi fuq it-tip ta' użu li kien qed isir minnha.*
>
> *Ikkonsidrat li bħala prova, il-Qorti m'għandha xejn ħlief il-kelma tal-attur li kien jaqla Lm120 fil-ġimgħa bħala qligħ nett mill-bejgħ tal-karti imqattgħin….*
>
> *….Jidher ċar li din l-attivita` kienet qed tiġi żvolta illegalment mingħajr ma tiġi dikjarata għall-fini ta' taxxa u VAT.***"**

15. Fil-fatt meta l-ewwel Qorti ċaħdet ir-raba' talba għal-likwidazzjoni tad-danni, spjegat li dan kienet qed tagħmlu għaż-żewġ raġunijiet (enfasi ta' din il-Qorti):

> "*Tiċħad ir-raba' talba in kwantu d-danni li l-attur qed jitlob li jiġu likwidati jirrappreżentaw qligħ mhux pruvat, kif ukoll mhux dikjarat għall-finijiet tat-taxxa.*"

16. Ikkonsidrat dan kollu ċertament li mhux il-każ li din il-Qorti tillikwida xi ammont "*arbitrio boni viri*", kif jippretendi l-attur, biex jagħmel tajjeb għat-telf ta' qligħ lamentat minnu.

17. Fit-tieni parti tat-tieni aggravju tiegħu, l-attur isostni li s-soċjeta` konvenuta għandha tiġi kkundannata tirrifondilu l-prezz sħiħ li huwa

ħallas għall-magna, cioe` l-kapital ta' Lm5,000 li huwa allegament ħareġ), flimkien mal-imgħaxijiet, u dan biex jagħmel tajjeb għall-valur u l-utilita` tagħha li huwa tilef tul is-snin.

18. Filwaqt li huwa minnu li minħabba l-komportament tas-soċjeta` konvenuta l-attur spiċċa biex kellu kapital staġnat għal ammont konsiderevoli ta' snin, l-istess attur qed jippreżenta tali "danni" bħallikieku huma danni separati mid-danni pretiżi biex jagħmlu tajjeb għat-telf ta' qligħ. Effettivament pero` huma l-istess ħaġa u mhux żewġ tipi ta' danni differenti. Ladarba l-intenzjoni tal-attur kienet li jibqa' juża l-magna għal skopijiet kummerċjali, kwalsiasi telf li ġarrab bil-fatt li l-kapital li ħareġ baqa' mhux imħaddem għal diversi snin jikkwalifika bħala telf ta' qligħ, li għar-raġunijiet fuq esposti, ma setgħux jiġu akkordati.

19. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju tiegħu jirriżulta infondat.

**L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali** : (il-prezz li ħallas l-attur)

20. Fl-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tiegħu l-attur jilmenta bil-fatt li filwaqt li l-ewwel Qorti rriżultalha li huwa ħallas almenu Lm3,800 mill-prezz ta' Lm5000, ħalliet dubju dwar jekk huwa fil-fatt ħallasx ir-rimanenti Lm1,200.

21. Din il-Qorti issib li għandha raġun is-soċjeta` konvenuta in kwantu targumenta li dan l-aggravju ma jservi l-ebda utilita` għall-fini tal-appell inċidentali. Irrispettivament mill-ammont li l-attur ħallas lil Carmel Gauci (jekk hux Lm3,800 jew Lm5,000) l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tiegħu u ddikjarat li huwa l-proprjetarju tal-magna u ordnat lis-soċjeta` konvenuta tirritornahielu; u inoltre l-kwantum tal-ammont li ħallas lil Carmel Gauci għall-magna bl-ebda mod ma għandu xi rilevanza għall-finijiet tal-komputazzjoni tad-danni, peress li kif ġie spjegat fil-konsiderazzjonjiet ta' din il-Qorti relattivi għat-tieni aggravju tiegħu, ma jistgħu jiġu likwidati l-ebda danni.

22. Fi kwalunkwe każ u għal kull buon fini, għandu jingħad li kellha raġun l-ewwel Qorti tikkonkludi li l-ammont li ħallas mill-prezz ġie pruvat biss sal-ammont ta' Lm3,800 ladarba bħala prova fir-rigward tar-rimanenti Lm1,200 hemm biss il-kelma tal-istess attur li ma ġiet korroborata bl-ebda mod ieħor.

23. Isegwi għalhekk li dan l-aggravju huwa wkoll infondat.

**__L-ewwel aggravju tal-appell prinċipali__:** (it-tielet talba)

24. Fl-ewwel aggravju tagħha s-soċjeta` konvenuta tilmenta bil-fatt li

għalkemm l-ewwel Qorti ċaħdet ir-raba' talba (biex jiġu likwidati danni) u ċaħdet ukoll il-ħames talba (biex tiġi ordnata tħallas lill-attur l-ammont likwidat) laqgħet it-tielet talba (biex tiddikjaraha responsabbli għad-danni kaġonati lill-attur). Targumenta li dan huwa kontradittorju għall-aħħar.

25. Għalkemm din il-Qorti tqis li l-argument huwa wieħed fondat ma taqbilx li t-tielet talba kellha tiġi miċħuda, kif issostni s-soċjeta` konvenuta. Hija tal-fehma invece li t-tielet talba kif milqugħa mill-ewwel Qorti għandha tiġi sempliċiment "*rephrased*" u għandha taqra hekk:

> "*Tilqa' t-tielet talba attriċi fis-sens li tiddikjara lill-istess soċjeta` konvenuta responsabbli għal kwalsiasi danni li jkun irriżulta li sofra u li għandu dritt jiġi risarċit għalihom l-attur bħala konsegwenza tal-aġir abbużi u illegali tas-soċjeta` konvenuta.*"

**<u>It-tieni aggravju tal-appell prinċipali:</u>** (l-ispejjeż)

26. Is-soċjeta` konvenuta tilmenta bil-fatt li ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża. Issostni li ġialadarba r-raba' u l-ħames talbiet tal-attur ġew miċħuda, kellu jbati l-ispejjeż tagħhom l-istess attur.

27. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa fondat ladarba l-attur irriżulta tellief fir-rigward tar-raba' u l-ħames talbiet tiegħu.

**Decide**

28. Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

(i) Tiċħad l-appell inċidentali tal-attur appellat, bl-ispejjeż tal-istess appell inċidentali għall-istess attur;

(ii) Tilqa' l-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta appellanti **limitatament** u konsegwentement tvarja s-sentenza appellata kif ġej:

- Tikkonferma li t-tielet talba tal-attur għandha tiġi milqugħa (kif għamlet l-ewwel Qorti) iżda għandha taqra hekk:

> *""Tilqa' t-tielet talba attriċi fis-sens li tiddikjara lill-istess soċjeta` konvenuta responsabbli għal kwalsiasi danni li jkun irriżulta li sofra u li għandu dritt jiġi risarċit għalihom l-attur bħala konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali tas-soċjeta` konvenuta."*

- Tordna li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-ewwel istanza għandhom jitħallsu tliet kwinti ($^3/_5$) mis-soċjeta` konvenuta u zewg kwinti ($^2/_5$) mill-attur (u mhux kollha mis-soċjeta` konvenuta kif ordnat l-ewwel Qorti).

L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu nofs (½) mis-soċjeta` konvenuta u nofs (½) mill-attur.

| Joseph Azzopardi | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm